MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1280/2007

**Av. David Tonna bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà estera *Reebok International Limited***

***Versus***

**Av. Mark Busuttil u P.L. Doreen Aquilina maħturin b'dikriet tat-28 ta' Settembru 2008 kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà *Tasharukiat Anas Import & Export***

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "*REEBOK*" u l-markju distintiv magħruf bħala "*Stripecheck II Design*", li tinqeda bihom fuq diversi prodotti manufatturati minnha bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra.
Is-soċjetà attriċi hija għandha dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markji "*REEBOK*" u "*Stripecheck II Design*" fil-

komplessità tagħhom irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark Nº* 17143, u *Trademark Nº* 22324, kif ukoll minħabba l-fatti illi s-soċjetà attriċi għandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinn jew xogħol artistiku "*Stripecheck II Design*" u dan kollu kif igħid l-art. 2 ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta].

Irriżulta illi fit-18 ta' Ottubru 2007 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur *MV CMA-CGM STRAUSS*, u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' żraben sportivi li jġibu l-markju "*REEBOK*" u l-markju distintiv "*Stripecheck II Design*" fuq imsemmija; din il-konsenja tikkonsisti fi tlett elef u tmien mitt (8,300) par żraben sportivi, *f'container* numru TGHU0222854 u li ma humiex ġenwini, u dan bi ksur ta' l-art. 4 tal-Kap 414.

Il-polza tal-kariku numru GZ2185951 turi bħala l-konsenjatarji ta' dawn iż-żraben sportivi lill-konvenuta *Tasharukiat Anas Import & Export* u x-*Shipper* huma muri bħala *YiTian Trading Co. Ltd*.

Id-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jiksru dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit taħt l-art. 4 tal-Kap 414.

Is-soċjetà attriċi tgħid illi ż-żraben sportivi in kwistjoni jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali taħt l-art. 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, u jiksru wkoll id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħha taħt l-art. 2(1)(*b*) ta' l-istess Kap. 414, kif ukoll jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħha taħt l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-azzjonijiet li tieħu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li jridu jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li jiksru l-imsemmija drittijiet.

Il-konsenja ż-żraben sportivi ġew miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjetà attriċi lill-istess Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap 414, wara li ngħatatlu l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ.

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

(1) tgħid illi ż-żraben sportivi fuq imsemmija, li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjetà rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija (skond l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 414);

(2) tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi, li tikkonsisti fi tlett elef u tmien mitt par (3,800) par, mis-socjetà konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta attriċi lill-Kontrollur tad-Dwana jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(1)(*a*)(i), (ii) u (iii), u (*b*) tal-Kap 414 u għaldaqstant jiksru l-art. 4 tal-istess Kap 414 dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 17143 u 22324 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi  s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha "*Stripecheck II Design*";

(3) tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi tikser l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi bin-numri 17143 u 22324 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha "*Stripecheck II Design*";

(4) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà attriċi a bażi ta' l-ewwel, it-tieni u/jew it-tielet talba sabiex jeqirdu ż-żraben sportivi fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lill-konvenuta, u bi flusha, kif igħid u jrid l-art. 8 tal-Kap 414;

(5) tagħti kull rimedju iehor li tista' taħt l-Att dwar Drittiijiet dwar Proprjetà Itnellettwali (Mizuri Intrakonfini) u/jew taħt ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003;

(6) tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, u l-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana kif irid il-Kap 414.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.
Il-kuraturi li nħatru biex jidhru għas-soċjetà intimata wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.
Mix-xiehda b'*affidavit* ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana, u r-rapport ta' l-analiżi maħruġ minn Timothy Behean bħala rappreżentant legali għas-soċjetà estera *Adidas International Marketing B.V.* jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka *REEBOK* tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.
Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta' *trademark* tas-soċjetà attriċi, u tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana, jekk meħtieġ bil-għajnuna tal-Pulizija Esekuttiva, is-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti.
Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------